MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 67/2009

**A B**

**-vs-**

**C D E u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-22 ta' Gunju 2009, l-istess C D E giet nominata bhala kuratrici ad litem tal-minuri F E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta, fil-hamsa (5) ta' Ottubru, 2007, twieldet tarbija li inghata l-isem ta' F E u dan kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid relattiv illi qed jigi hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. 'A'.

Illi skond l-istess certifikat tat-twelid surreferit missier il-minuri F E huwa indikat bhala “unknown”.

Illi l-attur jixtieq jgharraf lill-minuri F E bhala l-wild naturali tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Illi minkejja li l-attur innotifika lill-konvenuta b’ittra ufficjali datata 19 t’Awissu, 2008, numru 2559/2008 skond l-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta hija baqghet ma wegbitx fil-forma u z-zmien li trid il-ligi, u dan skond ma jidher mill-kopja legali tal-istess ittra ufficjali li qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. ‘B’;

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konnoxxenza ta’ l-attur.

Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:-

a) Fl-ewwel lok, jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri F maghruf bil-kunjom E, huwa effettivament l-iben naturali tal-attur A B u mhux iben persuna mhux maghrufa, kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 3346/2007;

b) Konsegwentement jigi korrett l-Att tat-twelid bin-numru 3346/2007 sabiex jirrifletti din il-verita’ dwar il-paternita’ tal-minuri;

Ghaldaqstant, jitlob l-attur sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri F maghruf bil-kunjom E;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid tal-minuri F (Numru 3346/2007) prezentament maghruf bil-kunjom E –

a) Jissostitwixxi l-kunjom “E” fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” bil-kunjom “B”;

b) Jissostitwixxi l-kelma “unknown father” fil-kolonna “Isem u kunjom Missier it-tarbija” bl-isem “A B”;

c) Jinserixxi n-numru tal-Karta tal-Identita' "*ommissis (k.i. nru)*" u l-kliem "Maltese ID card number", relattiv ghall-missier tal-minuri, fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita'", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-Tarbija",

d) Jinserixxi n-numru "19" fil-kolonna "Eta'", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-Tarbija";

e) Jinserixxi l-post "Pieta' Malta" fil-kolonna "Fejn Twieldu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-Tarbija";

f) Jinserixxi l-post "Paola Malta" fil-kolonna "Fejn Joqoghdu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-Tarbija";

g) Jinserixxi l-isem "G B (alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet", b'referenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija";

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 19 t'Awissu 2008 numru 2559/08.

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju 2009, li permezz tieghu, C D E, giet nominata bhala kuratrici ad litem tal-minur F E.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi jehtieg li l-minuri jkun parti fil-kawza u l-interessi tieghu rapprezentati minn kuraturi deputati.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, jehtieg li l-kunjom tal-minuri jigi korrett fuq l-Att tat-Twelid.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Art. 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ C D E li biha, filwaqt li tammetti t-talbiet tar-rikorrenti, tissottometti illi m’ghandhiex tbati spejjez stante illi kien ir-rikorrenti stess illi kien irrifjuta illi jigi registrat bhala missier it-tifel meta dan twieled, u tirrizerva illi tipprocedi kontra r-rikorrenti ghall-kura u l-kustodja legali u ghall-manteniment ghat-tifel minuri.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2010, li permezz tieghu, din il-Qorti nnominat lil Dr. Marisa Cassar biex tesegwixxi l-ezamijiet medici mehtiega biex tigi stabbilita l-paternita’ tal-minuri.

Rat l-affidavit tal-istess Dr. Marisa Cassar li kkonfermat li A B huwa fil-fatt missier naturali ta’ F E.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba ta’ A B.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa t-tibdiliet fl-Att ta’ Twelid 3346/07 skond kif mitluba fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------